**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Shaun Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Shaun Mifsud,** iben Raymond u Carmen nee' Agius, imwieled Pieta nhar l-10 ta' Ottubru, 1987 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0451587M:

Akkużat talli nhar is-17 ta' Frar, 2024 instab responsabbli għall-ħażna ta' 45 kaxxa ta' frott taċ-ċitru minn Sqallija, li kienet għadha bil-weraq u l-pedunkuli (zkuk) magħha, waqt l-ispezzjoni mill-ispetturi tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti li saret ġewwa l-propjeta' 34, Level -1, Tal-Barrani Industrial park, Valletta Road, Għaxaq, Malta, bi ksur tar-regolament 13(c) tar-Regolamenti dwar Kwarantina tal-Pjanti (Organiżmi li jagħmlu l-Ħsara) Liġi Sussidjarja 433.03 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li naqas li jottempera ruħu mar-rekwiżiti tal-iskeda IV (B) (31) tal-imsemmija regolamenti.
Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**
Mill-atti jirriżulta li fis-17 ta' Frar 2024, waqt spezzjoni li saret minn rappreżentanti tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, l-imputat instab fil-pussess ta' ħamsa u erbgħin kaxxa ta' frott taċ-ċitru li kien ġie importat minn Sqallija u li kien bil-weraq u bil-pedunkuli. L-imputat xehed quddiem din il-Qorti u ammetta liberament li huwa kien fil-pussess ta' dawn il-kaxex, iżda spjega li huwa ma kienx xjentement ordna frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkuli. L-imputat xehed li huwa kien importa xi ħaxix minn Sqallija u peress li ma kienx ordna biżżejjed biex jimtela *pallet*, l-esportatur kien offra li jibgħatlu wkoll xi kaxex ta' lumi. L-imputat kien aċċetta iżda meta waslu ra li dawn kienu bil-weraq

u bil-pedunkuli. Peress li kien jaf li dan ma kienx permess hawn Malta huwa għamel kuntatt mal-esportatur biex jagħmel arranġamenti biex jibgħat lura dawn il-kaxex, u nell frattemp żammhom fil-*fridge* ġewwa, iżda kien għadu fil-pussess tagħhom meta saret l-ispezzjoni mid-Direttorat fis-17 ta' Frar 2024.

Id-difiża qed tikkontesta l-ħtija tal-imputat bl-argument li huwa ma importax dan il-frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkuli xjentement, għaliex dan kien biss kawża ta' malintiż, u li filfatt huwa ma poġġiex dan il-lumi għal bejgħ. Skont id-difiża għalhekk f'dan il-każ hija nieqsa l-*mens rea*, peress li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-imputat li jimporta xi frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkli.

Ir-regolament 13(c) ta' L.S. 433.03, li ġiet ippubblikata biss bl-Ingliż jipprovdi hekk:

> "*No person shall introduce into a protected zone or keep or spread within a protected zone the plants, plant products and other objects listed in Part B of Schedule IV, unless the relevant special requirements indicated in that part of the Schedule are met.*"

Huwa ċar li l-liġi ma tipprojbix biss l-introduzzjoni ta' frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkuli magħhom jew il-bejgħ tagħhom, iżda wkoll iż-żamma tal-istess. Filfatt l-akkuża in kwistjoni la tirrigwarda introduzzjoni u lanqas bejgħ, iżda proprju pussess ta' dan il-frott, ikkonsidrat li l-akkuża hi li l-imputat "instab[t] responsabbli għal ħażna ta' 45 kaxxa ta' frott…." Għalhekk huwa irrelevanti li l-imputat ma kellux intenzjoni li jimporta dan il-frott jew li jbiegħu. Il-fatt waħdu li l-imputat kien fil-pussess ta' dan il-frott, mingħajr ma segwa ir-rekwiżiti speċjali indikati f'Part B ta' Schedule IV, jissodisfa l-element materjali tar-reat in kwistjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-element formali, il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-imputat li meta nstab fil-pussess ta' dan il-frott huwa kien qiegħed jara kif ser jiddisponi minnu, u li prova jagħmel arranġamenti biex jibgħatu lura lill-istess *supplier* iżda dawn sfaw fix-xejn peress li ma reġax għamel ordni ieħor miegħu. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat kien anke offra li l-frott jingħata għall-karita u li dan ma sarx għaliex ġie infurmat mid-Direttorat li dan il-frott seta` biss jintbgħat barra jew jiġi distrutt.

Għalkemm il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx li l-imputat instab fil-pussess ta' dan il-frott biss għaliex kien għadu ma sabx mod kif legalment jiddisponi minnu, dan ma jfissirx awtomatikament li l-element formali kien nieqes. Kif jispejga l-Professur Mamo:

> "*If a man has done an act which is forbidden by the law, it will be no defense for him to urge that he had a laudable motive. No act otherwise unlawful is excused or justified because of the motives of the doer, however good, e.g. a theft is not less criminal because the ulterior motive of the*

*thief may have been to obtain money for charitable purposes. […]*

*The same general principle is accepted in Continental Jurisprudence. "Secondo la commune opinion, la contemplazione del fine propostosi dall-agente e` estranea alla nozione del dolo: il movente ed il fine non entrano come requisiti e condizioni essenziali della imputabilita': essi possono funzionare soltanto come co-efficienti che agiscono sulla quantita` del reato: La moralita' dell'azione puo` abbassare, ma non sopprimere la doloso natura dell'atto. […]*

*And just as a good motive does not generally exonerate from responsibility, so likewise a bad motive is not a rule of the essence of criminal intent. This we have defined as the determination to do an act which is known to be illegal. It is clear – as Carrara points out (Programma, § 69) – that, under this definition, the animus nocendi is not an essential and constant ingredient in criminal intent. And this is why it is important, as Impallomeni warns us (Instituzioni di Diritto Penale, P 247), not to confuse the notion of 'wrongful intent' (dolus) – 'malice' in its technical legal sense with 'malice' in its popular sense of ill-will, spite or malevolence. In English law, the word 'malice' means 'wrongful intention': such intention is not excluded by the inexistence of 'malice' in its popular sense. The absence of malice in this latter sense of a wicked motive (animus nocendi) excludes wrongful intent only when it amounts to a justifiable belief to do an act which is not contrary to law (Carrara, loc. Cit)."*[1]

Il-Qorti tosserva li għalkemm l-imputat kien jaf li ma setax jimporta frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkuli sakemm dan ma kienx ai termini tar-rekwiżiti speċjali indikati fil-paragrafu 31 tal-Iskeda IV tal-Liġi Sussidjarja 433.03, meta ra li dan il-frott kien bil-weraq u l-pedunkuli m'għamel l-ebda tentattiv sabiex jagħmel kuntatt mad-Direttorat biex jara kif jeżimi ruħu mir-responsabbilita. Lanqas meta t-tentattiv biex dan il-frott jintbgħat lura Sqallija falla ma għamel kuntatt mad-Direttorat għal direzzjoni dwar kif kellu jiddisponi minnu legalment. B'hekk din il-Qorti ma tistax ħlief issib li l-imputat volontarjament u intenzjonalment kien qiegħed jaħżen dan il-frott taċ-ċitru bil-weraq u l-pedunkuli bi ksur tal-liġi kif qed jiġi akkużat, u għalhekk għandu jinstab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li jirriżulta li l-frott daħal Malta mhux taħt direzzjoni tal-imputat iżda biss minħabba malintiż, u li jidher li l-frott intbgħat barra minn Malta jumejn wara li saret l-ispezzjoni mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Tenut

[1] Prof. Sir. A. J. Mamo, Notes in Criminal Law, Vol. I, p. 63 – 64.

kont dan kollu, kif ukoll tal-kooperazzjoni sħiħa tal-imputat mal-awtoritajiet, il-Qorti tqis li l-multa imposta għandha tkun qrib il-minumu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolament 13(c) u 26 tal-Leġislazzjoni Sussisdjarja 433.03, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta’ multa ta’ erba` mitt ewro (€400).

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur